# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2000**

**Numru 37**

**Citaz. numru 1300/94 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alfred Gera & Sons Limited
vs
Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Allfreight Limited bhala operaturi ta' bond privat Ricasoli u l-istess Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Allfreight Limited bhala agenti Malta ta' Atlas Container Line armaturi tal-vapur China Sea

Illum, 31 ta' Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta Alfred Gera & Sons Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur China Sea konsenja ta' "Pharmaceutical goods" li waslet fit-3 ta' Ottubru 1993.

Billi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bid-danni spjegati fid-Dok.A.

Billi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Billi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' elf mija u tnejn u disghin lira u sittin centezmu (Lm1192.60,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija u tmienja u erbghin lira (Lm148) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nimine fl-ammont ta' elf, tlett mija u tmienja u erbghin lira u sittin centezmu (Lm1348.60).

Billi il-konvenut nomine f'wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati huma responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine f'wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm1348.60,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine f'wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm1348.60,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Allfreight Limited bhala agenti Malta ta’ Atlas Container Line fejn qalu:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni peress li skond il-klawsola 22 tal-Combined Trnasport Bill of Lading numru 4316, rigwardanti l-kaz in ezami, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa "animo

ritirandi" bhala Dok. CTBL: "Any dispute in connection with the carriage of goods under this bill of Lading may only be instituted before the competent court in the United Kingdom, and shall be decided according to English Law."

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-klawsola 21(i) tal-Combined Transport bill of Lading - Dok. CTBL hawn anness.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li l-konvenuti nimine mhumiex responsabbli ghall-allegati danni, u ma ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-attur nomine.

4. Illi subordinatamnet u minghajr pregudizzju ghas-suespost in ogni caso ir-responsabbilita' tal-konvenuti nomine hija eskluza jew limitata skond il-klawsoli kontenuti fil-Combined Transport Bill of Lading - Dok. CTBL hawn anness u inoltre l-pretenzjoni ta' l-attur nomine ma tistax teccedi l-ammont kalkolat skond il-klawsola 11.3 ta' l-istess Dok. CTBL.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat survey fee ammontanti ghal mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm148) pretiz mill-attur nomine ma jistax jigi reklamat stante li mhuwiex danni ta' l-assigurat.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Allfreight Limited fejn qalu:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta Allfreight Limited de proprio ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici peress li l-istess socjeta' Allfreight Limited, sal-konsenja tal-merkanzija in kwestjoni, agiet eskluzivament filvesti taghha ta' agenti ta' l-Atlas Container Line u mhux fil-vesta taghha de proprio, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li l-konvenuti nomine mhumiex

responsabbli ghall-allegati danni, u ma ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-attur nomine.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat survey fee ammontanti ghal mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm148) pretiz mill-attur nomine ma jistax jigi reklamat stante li ma humiex danni ta' l-assigurat.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Allfreight Limitedipprezentata fil-31 ta’ Ottubru 1995 fejn qalu illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti tat-12 ta' Dicembru 1994 l-eccipjenti jecepixxu ulterjorment illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta stante li f'dan il-kaz is-socjeta' Allfreight Limited agiet biss bhala agenti f'Malta ta' l-Atlas Container Line li huwa l-isem li bih topera s-socjeta' estera Moonbridge Shippers Limited fatt li taf l-istess socjeta' attrici, u inoltre s-socjeta' estera Moonbridge Shippers Limited issa tinsab f'Administrative Receivership skond kif jirrizulta mill-kopja ta' l-ittra tal-Joint Administrative Receiver datata 20 ta' Gunju 1995 li qed tigi hawn annessa bhala Dok. AR1, ghalhekk il-kuntratt ta' agenzija bejn is-socjeta' Allfreight limietd u s-socjeta' estera Moonbridge Shippers Limited li topera bl-isem ta' Atlas Container Line gie itterminat u s-socjeta' Allfreight limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Maurice Spiteri u Elizabeth Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Allfreight Limited bhala agenti Malta ta’ Atlas Container Line fejn qalu:
1. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti tat-12 ta' Dicembru 1994 l-eccipjenti jecepixxu ulterjorment illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta stante li f'dan il-kaz is-socjeta' Allfreight Limietd agiet eskluzivament bhala agenti f'Malta tas-socjeta Moonbridge Shippers Kimited li a sua volta kienet topera wkoll bl-isem ta' Atlas Container Line fatt li taf l-istess socjeta attrici, u inoltre s-socjeta' estera Moonbridge Shippers Limited issa tinsab f'Administrative Receivership skond kif

jirrizulta mill-kopja ta' ittra tal-Joint Administrative Receiver datata 20 ta' Gunju 1995 li qed tigi hawn annessa bhala Dok. AR1, ghalhekk il-kuntratt ta' agenzija bejn is-socjeta' Allfreight Limited u s-socjeta; estera Moonbridge Shippers Limited gie itterminat u s-socjeta' Allfreight limietd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

F'din il-kawza s-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata taghha Alfred Gera & Sons Ltd, qed tharrek lis-socjeta' konvenuta Allfreight Ltd kemm f'isimha proprju bhala operaturi ta' bond privat kif ukoll bhala rapprezentanti f'Malta ta' Atlas Container Line (armaturi tal-vapur China Sea li kien wassal il-merkanzija in kwistjoni f'Malta).

Mill-provi jirrizulta li l-merkanzija li kienet tikkonsisti fi prodotti farmacewtici waslet Malta fit-3 ta' Ottubru 1993 u ngabru mis-socjeta' importatrici fil-11 ta' Ottubru 1993. Minhabba li kien hemm tixrib tal-merkanzija din kellha tigi distrutta u ghalhekk sar "claim" mas-socjeta' assiguratrici attrici li ndennizzat lis-socjeta' importatrici fis-somma ta' Lm1192.60.

Jirrizulta li l-merkanzija msemmija waslet Malta fi "groupage container" u li meta dan ittiehed fil-"bonded store" tas-socjeta' konvenuta u nhatt fis-6 ta' Ottubru 1993 fil-prezenza ta' l-ufficjal tad-dwana Mario Grech, gie notat mill-ewwel li dik il-merkanzija kienet imxarba. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-"groupage manifest" (Dok. MG a fol. 41) esebit mill-istess xhud. Ghalhekk ma jirrizultax li l-merkanzija xxarbet meta din kienet fl-istore tas-socjeta' konvenuta. Inoltre qed issir referenza ghall-ittra li s-socjeta' importatrici kienet baghtet lis-socjeta' konvenuta fit-13 ta' Ottubru 1993 (Dok. JB a fol. 37) fejn hemm miktub testwalment:

*"This is to inform you that on clearing the above consignment, we found damaged/missing goods, for which we hold you responsible* ***as agents for the carriers only****"* (enfazi tal-Qorti).

Huwa ghalhekk car li s-socjeta' konvenuta f'isimha proprju ma tista' titqies bl-ebda mod responsabbli ghall-hsara fil-merkanzija in kwistjoni. U barra minn hekk mid-dokumenti esebiti jidher li fi kwalunkwe kaz hija

kienet qed tagixxi dejjem bhala agenti tax-"shippers" barranin sal-konsenja tal-merkanzija lill-importaturi.

Is-socjeta' attrici fil-fatt qed tharrek ukoll lis-socjeta' konvenuta bhala rapprezentanti f'Malta ta' l-Atlas Container Line. U hawn il-Qorti tirreferi ghan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta. Mill-provi li tressqu mis-socjeta' konvenuta u mhux kontradetti jirrizulta in effetti li s-socjeta' lokali Allfreight Ltd. kienu l-agenti tas-socjeta' estera Moonbridge Shippers Ltd. u din kienet tiggestixxi l-linja ta' vapuri maghrufa bhala Atlas Container Line. F'dar-rigward issir referenza ghax-xiehda ta' Neville Spiteri (a fol. 66 – 67) u ta' Maurice Spiteri (a fol. 83 – 85) u ghad-dokumenti minnhom esebiti. M'hemmx dubju li s-socjeta' attrici kienet taf dan peress li d-Dok. AA5 esebit minn Maurice Spiteri jikkonsisti f'telefax message mibghuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' Moonbridge Shippers Ltd. dwar il-"claim" in kwistjoni. Issa jirrizulta wkoll li din is-socjeta' Moonbridge Shippers Ltd. ghaddiet "in receivership" (Dok. AR1 a fol. 30G – 30H). Dan ifisser li kull ness guridiku li seta' kien hemm bejnha u bejn is-socjeta' konvenuta intemm.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta f'isimha proprju kif ukoll l-eccezzjonjiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta, tillibera lil-istess socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk tichad it-talbiet attrici kollha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta proprio et nomine. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**